STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA
01/2023
15 TA' FRAR 2023

# KAMRA TAL-PERITI TITLOB GĦAL DETERRENT REALI U EFFETTIV GĦALL-KUNTRATTURI

Nhar is-Sibt 11 ta' Frar 2023, il-Kunsill tal-Kamra tal-Periti fetaħ investigazzjoni sabiex jistabilixxi jekk l-inċident li seħħ fi Triq Psaila Birkirkara fejn qabel kien hemm binja tal-GO setax wassal għal xi nuqqasijiet professjonali mill-periti involuti, inkluż il-perit responsabbli mill-proġett u l-uffiċjal tekniku tas-sit (STO).

Huwa tajjeb li jiġi nnutat illi l-ftuħ ta' investigazzjoni ma tfissirx li instabet xi ħtija f'dan l-istadju, iżda jfisser li qed jiġu stabbiliti l-fatti sabiex jiġi ddeterminat kienx hemm xi nuqqasijiet professjonali. Jekk il-Kunsill jidentifika xi nuqqas potenzjali, il-perit jew periti involuti ser jingħataw id-drittijiet kollha li tatihom il-liġi sabiex jeskulpaw ruħhom.

Lil hinn minn kwalunkwe nuqqas professjonali, l-ebda perit, ikunx qed jaġixxi bħala perit responsabbli mill-proġett jew bħala STO, ma jista' qatt jikkontrolla cowboys bla ebda skruplu fit-tmun ta' inġenji kbar jeqilbu l-bini fi spazji pubbliċi bħalma rajna fi Triq Psaila.

Il-fatt hu li l-kondotta professjonali tal-periti hija, ġustament, skrutinizzata b'mod qawwi. Il-Kunsill tal-Kamra jieħu r-rwol dixxiplinarju tiegħu b'serjetà kbira u ser jara li jipproċessa l-każ b'ħarsien sħiħ tal-prinċipji ta' ġustizzja u ħarsien tad-drittijiet tal-periti u l-interessi tal-pubbliku.

Dan jikkuntrasta b'mod qawwi mal-iskrutinju li jsir fuq il-kuntratturi. Dawk involuti mhux talli m'huma ser isofru ebda konsegwenza għall-azzjonijiet tagħhom minħabba li m'hemm ebda proċedura dixxiplinarji għall-kuntratturi simili għal dik li tadopera il-Kamra, iżda saħansitra lanqas teżisti liċenzja x'tittieħed.

Bla deterrent reali u effettiv l-industrija hija mizgħuda fid-dlam ta' anarkija li fiha jiddi d-dawl iteptep ta' dawk il-periti, żviluppaturi u kontratturi ta' rieda tajba li jħossu obbligu morali u etiku li jimxu ma' standards stabbiliti minkejja kollox.

**TMIEM**

127, Sliema Road
Gzira GZR 1633
Malta

t. +356 21314265
e. info@kamratalperiti.org
w. kamratalperiti.org

Kamra tal-Periti